**9 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Lawrence Sapiano

*versus*

Robert Borg *pro et noe*

**Mandat Kawtelatorju – Nuqqas ta' Ċitazzjoni – Danni**

*Meta mandat kawtelatorju ma jiġix segwit b'ċitazzjoni l-art. 869 tal-Kap. 12 jipprovdi li r-rikorrent ikun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet.*

*Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sentenza appellata li billi l-attur seta' jitlob li jingħareġ kontro-mandat fuq l-ewwel mandat għaliex ma ġiex segwit b'ċitazzjoni, u dan m'għamlux, dan in-nuqqas jeżenta b'xi mod lill-kumpanija konvenuta mir-responsabbilitajiet.*

*Dan in-nuqqas ta' l-attur ikun rilevanti biss meta d-danni u l-imgħaxijiet li huwa jippretendi setgħu jitnaqqsu billi jonqos iż-żmien li fih qed ibati d-danni.*

Il-Qorti: –

1. Il-konvenut għan-nom tal-kumpanija *Palm Court Limited* talab u ottjena Mandat ta' Impediment ta' Safar – numru 1221/1985 – mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ – kontra l-attur u dan fil-25 ta' Ġunju, 1985. Fil-5 ta' Lulju, 1985, segwa Mandat ieħor ta' l-istess kwalità – numru 1294/1985. Il-pretensjonijiet fiż-żewġ mandati kawtelatorji li huma, rispettivament, krediti ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) u tmint elef lira (Lm8000);

Fil-11 ta' Ottubru, 1985, meta ġiet ippreżentata din iċ-ċitazzjoni, iż-żewġ mandati kienu għadhom veljanti għalkemm l-ewwel mandat ma kienx ġie segwit b'ċitazzjoni kif teħtieġ il-liġi u meta ġiet ippreżentata, din kienet għas-somma ta' sebat elef lira (Lm7000);

L-attur espona illi dawn il-mandati ġew ottenuti b'qerq għaliex Robert Borg kien jaf li huwa, l-attur, personalment, ma kellu jagħti xejn u kull pretensjoni kollha, *se mai*, tiġi diretta lejn il-kumpanija *Sun Tours Travel Limited*, u għalhekk talab lill-Qorti biex (a) tiddikjara li ż-żewġ mandati ħarġu b'qerq mill-konvenut; (b) tirrevoka ż-żewġ mandati; (ċ) tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur dik il-penali li l-Qorti tiffissa; u (d) tiddikjara l-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attur;

2. Il-konvenut eċċepixxa illi (a) il-mandati ħarġu fuq talbiet tal-kumpanija u mhux minnu fl-interess proprju; (b) l-ewwel mandat seta' jiġi faċilment revokat kieku l-attur, meta ma saritx iċ-ċitazzjoni fiż-żmien stabbilit, ippreżenta talba għal kontro-mandat, u ma kienx hemm bżonn ta' ċitazzjoni, u

għalhekk huwa għandu jħallas l-ispejjeż inutili tagħha; (ċ) it-tieni mandat ħareġ skond il-liġi kif se jirriżulta fil-kawża li saret biex tikkanonizza l-kreditu ta' l-eċċipjenti; (d) id-differenza bejn l-ammont dedott fiċ-ċitazzjoni proposta mill-eċċipjenti u l-ammont imsemmi fit-tieni mandat, hija dovuta għal addizzjoni ta' imgħaxijiet billi dawn ma jistgħux jiġu ppreċiżati fiċ-ċitazzjoni; (e) l-attur huwa personalment responsabbli, għall-ħlas tal-kreditu ta' *Palm Court Limited;*

3. Il-kawża ġiet konnessa ma' dik li kienet saret qabel, fl-ismijiet inversi, però li kienet tinkludi bħala partijiet, lil Anthony Mifsud u lil *Sun Tours Travel Limited* – ċitazzjoni numru 969/85 – u l-provi ta' waħda jgħoddu għall-oħra wkoll;

4. Is-sentenza fil-kawża – bħas-sentenza fil-kawża l-oħra – ġiet ippronunzjata fis-17 ta' Ottubru, 1991, u tista' tiġi riportata hekk:

*Omissis;*

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża kompriżi deposizzjonijiet li nstemgħu kemm f'din il-kawża kif ukoll fil-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi, barra dik ta' Anthony Mifsud u liema ċitazzjoni (Ċit. nru. 969/85F R. Borg *noe vs* Lawrence Sapiano *et noe)* instemgħet kontestwalment flimkien ma' din;

Ittratata l-kawża;

Jingħad li din il-kawża hija intimament konnessa ma' kawża

oħra fl-ismijiet inversi li dwarha saret riferenza aktar 'il fuq u liema kawża ġiet deċiża llum stess. Illi fil-kawża ġiet deċiża llum stess. Illi fil-kawża l-oħra ġie deċiż li r-responsabbilità ta' l-attur l-oħra ġie deċiż li r-responsabbilitajiet ta' l-attur Lawrence Sapiano kienet waħda bħala ex-direttur ta' soċjetà kummerċjali u mhux ukoll personalment. B'danakollu però għandu jingħad li tali stat ta' fatt ma kienx jirriżulta u jidher evidenti "*prima facie*";

*Omissis;*

Billi l-operat ta' l-istess Sapiano ma kienx wieħed pależ, allura fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut *nomine* kien intitolat li joħroġ mandat ta' Impediment tal-Partenza anki kontrih pesonalment. Għandu hawn jingħad ukoll li, għalkemm bla preġudizzju għat-talbiet fil-mori tal-kawża kien intlaħaq ftehim bejn il-kontendenti li b'riħet tiegħu l-attur seta' jsiefer. Illi huwa veru li l-konvenut ħareġ iżjed minn mandat wieħed b'ammonti differenti, però jidher li wara li nħareġ l-ewwel mandat ta' impediment tas-safar ma saritx ċitazzjoni fiż-żmien utili ta' għaxart (10) ijiem. Għalhekk f'dan il-każ kontro-mandat kien ikun biżżejjed bla ħtieġa ta' dina ċ-ċitazzjoni. Oltre dan, il-konvenut spjega fl-eċċezzjonijiet tiegħu li d-differenza fl-ammont murijin fil-Mandati kienet dovuta għal żewġ fatti, u ċjoè differenzi fil-valuri tal-kambju u kwantu għall-fatt li fl-ammont l-aktar għoli kien hemm inklużi fih l-interessi;

Iċ-ċitazzjoni ġiet diretta wkoll kontra l-konvenut personalment. Ma tirriżulta minn imkien xi konnessjoni personali tal-konvenut Borg oltre dik bħala Direttur għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà *Palm Court Limited;*

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha attriċi kif dedotti b'dana però li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jiġu ssopportati kkwantu għal tlieta minn kull erba' parti (¾) mill-attur u r-rimanenti kwart (¼) mill-konvenut *nomine*";

5. L-attur appella u l-Qorti jidhrilha li tista' tgħaddi mill-ewwel għall-konsiderazzjoni tal-kawża kollha għaliex l-aggravji jestendu prattikament fuq il-kamp kollu;

6. L-ewwel punt – li jrid jiġi kkonsiderat huwa dak li jolqot l-essenzjalità ta' **konkordanza** jekk mhux assoluta **armonija**, li għandu jkun hemm bejn is-sentenzi, mogħtija fiż-żewġ kawżi li ġew konnessi u ttrattati kontestwalment. Infatti din hija esiġenza tal-ġustizzja, u hija l-iskop irriprexxindibbli ta' l-istitut tal-konnessjoni tal-kawżi – artikoli 793 u 794 Kap. 12;

7. Issa f'din il-kawża, Lawrence Sapiano qed jillamenta minn mandati kawtelatorji li saru kontra tiegħu – *di proprio* – mentri huwa m'huwiex debitur tal-kumpanija konvenuta li otteniet dawk il-mandati. Fil-kawża l-oħra huwa ġie mħarrek "*di proprio*" imma jidher ukoll bħala wieħed mir-rappreżentanti tas-soċjetà *Sun Tours Travel Limited;*

Fil-kawża l-oħra – ċitazzjoni 969/85 – fis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, is-soċjetà minnu rappreżentata ġiet iddikjarata debitriċi ta' *Palm Court Limited,* iżda huwa, Lawrence Sapiano – li minn din id-deċiżjoni kellu jsegwi li f'din il-kawża l-oħra, il-preżenti ċitazzjoni 1313/85, il-lament prinċipali ta' l-attur kellu jiġi akkolt għaliex il-mandati saru kontra tiegħu personalment. Mentri t-talbiet tiegħu ġew miċħuda;

Is-sentenza appellata tgħid illi s-soċjetà konvenuta kienet ġustifikata li toħroġ il-mandati kontra l-attur:

"Billi l-operat ta' l-istess Sapiano ma kienx wieħed pależ, allura fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut *nomine* kien intitolat li joħroġ mandat ta' impediment tal-partenza anki kontrih personalment";

Bir-rigward kollu għal din il-fehma però, din il-Qorti jidhrilha illi fiċ-ċitazzjoni li segwiet it-tieni mandat, Lawrence Sapiano ġie addebitat b'qerq u approprjazzjoni indebita u minn dawn il-fatti kollha tiskaturixxi r-responsabbilità tiegħu bħala debitur ta' *Palm Court Limited* u mhux **biss** għaliex ma kienx miftuħ u trasparenti fl-operat tiegħu, billi dan l-operat jieħu sinifikat ġuridiku jekk ikun hemm fatti u ċirkostanzi oħra u konkomitanti – kif difatti kien hemm, skond is-sentenza li ġiet ippronunzjata llum stess minn din il-Qorti;

Naturalment, il-konsegwenza hija li Sapiano kellu raġun li jħossu agravat **fuq dan il-punt** – meta fis-sentenza l-oħra kien ġie eżonerat minn kull responsabbilità, waqt li però quddiem din il-Qorti, m'għandux raġun għaliex hija sabet li kien effettivament responsabbli personalment għall-kreditu ta' *Palm Court Limited;*

8. Il-pretensjoni ta' *Palm Court Limited* kienet ippreċiżata fl-ammont ta' sebat elef lira (Lm7,000). Il-mandati li ħarġet assommaw għal għoxrin elf lira (Lm20,000) u ta' din id-differenza sostanzjali, fiż-żmien li ħarġu l-istess mandati, ma kien hemm assolutament l-ebda ġustifikazzjoni. Ċertament, m'hijiex aċċettabbli dak li eċċepiet il-kumpanija, illi għat-tieni mandat ta' tmint elef lira (Lm8,000) waslet għal din iċ-ċifra billi żiedet

elf lira (Lm1,000) għall-imgħaxijiet. Anzi din is-suppost raġuni turi x'kien qed janima l-ħruġ ta' dawn il-mandati għaliex il-kreditu ta' sebat elef lira (Lm7,000) ,seta' jiġi pretiż minn Ottubru, 1984 – għaxar xhur qabel ma ħareġ il-mandat u, f'dak iż-żmien l-interessi kienu jaslu sa erba' mija u sebgħin lira (Lm470) anqas min-nofs li ġie miżjud;

Ma jistax ma jiġix innotat illi ftit ġranet qabel, l-ammont pretiż fl-ewwel mandat kien ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) u n-nuqqas tal-kumpanija li ssegwieh bid-debita ċitazzjoni u mbagħad bin-nuqqas l-ieħor li ma tagħmilx il-kontro-mandat neċessarju biex dak il-mandat – issa assolutament *illegali* – jiġi rrevokat – isammru lill-kumpanija konvenuta ma' dik ir-responsabbilità ġustissimament rigoruża li trid il-liġi fl-isfera tan-nullità tal-mandati;

9. Dan qiegħed jingħad għaliex din il-Qorti hija konxja ta' ċirkostanza *di moda* li hija verament preokkupanti, din hija il-*leggerezza* li biha qegħdin isiru l-mandati kawtelatorji mentri dawn għandhom ikollhom, u għandhom, prospetti ferm differenti. Din il-Qorti *trid tirrijafferma enfatikament dak li huma* l-prinċipji ġenerali tal-ġurisprudenza, u tajjeb li tiġi kkwotata waħda mis-sentenzi awtorevoli fir-rigward:

*"Che l'intenzione del Legislatore è di considerare i mandati cautelatori con occhio pco benevolo, di awtorizzarne la spedizione soltanto quando sono* ***assolutament necessari****, e di* ***mantenerli in vigore soltanto nel tempo in cui durasse la loro necessità****. Tale necessità dev'essere* ***manifesta ed impellente****, perchè la legge permette la revoca del mandato senza togliere al giudice la facoltà di permettere che un nuovo mandato sia spedito, se nel corso della causa ne sorgesse di nuovo la necessità";*

(App. 7-7-1920 – Miller Blacker *pro. et nomine vs* Howard, Vol. XXIV.I.562);

U din il-ġurisprudenza hija vitali u trid tiġi segwita biex l-ispirtu kollu ta' l-istitut jiġi rrispettat u salvagwardat;

10. Il-mandati in kawża huma mandati kawtelatorji ta' impediment ta' safar u għal dawn jipprovdu żewġ artikoli:

"866. (1) Jekk jinsab li l-mandat ta' l-impediment tas-safar ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmula bil-qerq, huwa jiġi kkundannat għall-ħlas ta' penali f'somma li tiffissa l-Qorti, skond iċ-ċirkostanzi;

(1) F'dak il-każ, il-Qorti tista' tordna li l-penali tiġi mħallsa lill-persuna li kontra tagħha, jew kontra l-bastiment tagħha, jew biċċa oħra tal-baħar, il-mandat ikun ħareġ, barra minn kull azzjoni għad-danni u imgħaxijiet;

(3) Il-penali għandha f'kull każ tkun iżjed minn mitejn u ħamsin lira Maltija;

867. Fil-każijiet kollha li fihom mandat ta' impediment tas-safar, jiġi ddikjarat bħala li ġie miksub inġustament, il-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' mandat tista' tiġi mġiegħla tħallas id-danni u l-imgħaxijiet";

10. Fil-każ partikolari ta' mandat li ma jiġix segwit b'ċitazzjoni, l-art. 869 Kap. 12, jipprovdi li r-rikorrent ikun responsabbli għad-danni u imgħaxijiet;

11. Bir-rigward kollu wkoll għas-sentenza appellata, din il-Qorti

assolutament ma tistax taqbel li billi l-attur seta' jitlob li jinħareġ kontro-mandat fuq l-ewwel mandat għaliex ma ġiex segwit b'ċitazzjoni, u dan m'għamlux, dan in-nuqqas jeżenta b'xi mod lill-kumpanija mir-responsabbilitajiet. Dan in-nuqqas ta' l-attur ikun rilevanti biss meta d-danni u l-imgħaxijiet li huwa jippretendi setgħu jitnaqqsu billi jonqos iż-żmien li fih qed ibati d-danni;

12. Għal dak li huma danni, fil-proċess m'hemm l-ebda prova ta' l-attur. Ċertament ma hemm xejn fit-traskrizzjoniiet tax-xhieda li nstemħu fis-seba' seduti li għamel il-Perit Legali, l-avukat dottor Tonio Borg, sas-16 ta' Marzu, 1987; m'hemm xejn fix-xiehda li l-attur ta' quddiem l-ewwel Qorti fis-16 ta' Diċembru, 1988, u mbagħad fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 1989:

"Dr. Falzon iddikjara li l-attur m'għandux provi aktar....."';

13. Esklużi d-danni u l-imgħaxijiet, jibqa' biss il-penali;

L-ewwel mandat (Numru 1221/1985) – li m'hemm l-ebda dubju għandu jiġi kkonsiderat inġust – ħareġ fil-21 ta' Ġunju, 1985, u baqa' *in vigore* sakemm intlaħaq il-ftehim parzjali bejn il-partijiet – fit-18 ta' Lulju, 1989;

Dan l-ewwel mandat kien għal tnax-il elf lira (Lm12,000) u dawn kienu diġà eċċessivi meta *Palm Court Limited* ma setax kellha kreditu aktar mis-sebat elef lira (Lm7,000) li ppretendiet fil-kawża proposta minnha. Meta mbagħad inħareġ it-tieni mandat – numru 1295/85 fil-5 ta' Lulju, 1985 – għal tmint elef lira (Lm8,000) – l-attur ġie aggravat b'mandati ammontanti għal għoxrin elf lira (Lm20,000) meta kellu debitu ta' sebat elef lira (Lm7,000);

Għalhekk il-penali li din il-Qorti qed tiffissa *infra* hija bbażata fuq aggravju eċċessiv ta' tlettat-il elf lira (Lm13,000) għal erba' snin;

14. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell ta' l-attur qed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata qed tiġi rrevokata; b'dan illi l-ewwel mandat ta' Impediment ta' Safar numru 1221/85 billi ma ġiex segwit b'ċitazzjoni fi żmien utili u dan, flimkien mal-mandat ta' l-istess natura – numru 1294/85 – kumulattivament eċċedew sostanzjalment il-pretensjoni li kellhom jakkwistaw u għalhekk ħarġu inġustament u b'qerq kontra l-attur li huwa intitolat għal penali ta' ħames mija u għoxrin lira (Lm520) kull sena – u għalhekk il-kumpanija konvenuta hija kkundannata li tħallas lill-attur l-ammont ta' elfejn u tmenin lira (Lm2080) penalità għal erba' snin li l-attur baqa' aggravat bil-mandati illegali;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu hekk – dawk ta' l-ewwel u tat-tielet domanda mill-kumpanija konvenuta, dawk tar-raba' domanda mill-attur, u dawk tat-tieni domanda li għalih rrinunzja l-attur billi ġiet transatta bejn il-partijiet – skrittura a fol. 189 – tibqa' mingħajr taxxa bejn il-partijiet.